Kopja Informali

**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1016/2021 LC

**ANTHONY ZAMMIT** (K.I.970347),
**MARY LOUISE ZAMMIT** (K.I. 686251M)
**CARMEN MUSCAT** (Passaport Malti Nru 1152381)
**NOEL GALEA** (K.I. 503068M)
**CARMEL GALEA** (K.I. 107067M)
**GIOELE GALEA** (K.I. 492765M),
**VINCENZA ZAMMIT** (K.I. 68339M)
li b'digriet datat it-13 ta' Awwissu 2024
u l-atti f' isem **VINCENZA ZAMMIT** ġew trasfużi għal fuq l-eredi tagħha **ANTHONY ZAMMIT, CARMEN MUSCAT, REV. PATRICK JOSEPH ZAMMIT, NOEL GALEA,** u **FATHER GIOELE SIVE JOSEPH GALEA**

**VS**

**GODWIN BUGEJA**
(K.I. 470040M)

Illum, 5 ta' Frar, 2025

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Anthony Zammit (K.I.970347), Mary Louise Zammit (K.I. 686251M), Carmen Muscat (K.I. Passaport Malti Nru 1152381), Noel Galea (K.I. 503068M), Carmel Galea (K.I. 107067M), Gioelle Galea (K.I. 492765M), u Rev. Patrick Joseph

Zammit, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti talbu lil dan il-Bord joġgħbu:

1. **Jiddikjara u jiddeċiedi** illi a bażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Qorti Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru 247/2019/ISB fl-ismijiet ***Anthony Zammit et v. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja*** nhar it-30 ta' Settembru 2021 l-intimat Godwin Bugeja ma jistax jibqa' jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili sabiex jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà;

2. **Jiddikjara u jiddeċiedi** illi a bażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Qorti Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru 247/2019/ISB fl-ismijiet ***Anthony Zammit et v. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja*** nhar it-30 ta' Settembru 2021 l-intimat Godwin Bugeja ma jistax jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà u jiddikjara u jordna wkoll it-terminazzjoni u x-xoljiment tal-kirja illi qabel kellu l-intimat Godwin Bugeja;

3. **Jawtorizza** lill-esponenti jieħdu lura l-pussess tal-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u konsegwentement jordna l-iżgumbrament tal-intimat Godwin Bugeja mill-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u dana entru terminu qasir u perentorju illi jiġi lilu prefiss minn dana l-Onorabbli Bord u għar-raġunijiet premessi;

4. Sussidjarjament u f'każ illi t-talba għall-iżgumbrament ma tintlaqax minħabba d-dħul fis-seħħ tal-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta:

a. **Jordna** illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Godwin Bugeja ai termini ta' dak illi jiddisponi l-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. **Jiddikjara u jiddeċiedi** illi l-kera tal-fond 43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà għandha ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi riveduta għal ammont illi ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, jekk ikun il-każ;

c. **Jordna** lill-intimat Godwin Bugeja jibda jħallas tali kera fix-xahar hekk kif awmentata b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors;

d. F'każ illi l-intimat Godwin Bugeja ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tiegħu mill-fond 43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dana l-Onorabbli Bord għal dan il-għan u sa mhux aktar tard minn sentejn mid-data ta' dan ir-rikors u jistabbilixxi l-kera illi għandha titħallas matul tali żmien.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Godwin Bugeja illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Ra illi l-intimat Godwin Bugeja ippreżenta r-risposta tiegħu fl-10 ta' Marzu 2022, fejn eċċepixxa illi:

I. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda kemm fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

II. Illi fl-ewwel lok, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-Rikors nru. 247/2019ISB, a bażi ta' liema r-rikorrenti qiegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom għall-iżgumbrament tal-esponent, ma tieħux in konsiderazzjoni l-emmendi introdotti fil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att nru. XXIV tal-2021, u, għaldaqtant l-ewwel tlett (3) talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa in vista ta' tali bidla fil-liġi;

III. Illi in fatti il-konvenut huwa rikoxxut bħala kerrej ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emmendat permezz tal-Att nru. XXIV tal-2021 u għaldaqstant għandu titolu validu fil-liġi sabiex jirrisjedi fil-fond mertu tal-proċeduri odjerni;

IV. Illi fit-tieni lok, l-istess emmendi jirregolaw b'mod speċifiku liema huma ċ-ċirkostanzi li fihom talba għall-pussess lura tal-fond mis-sid tista' tiġi milqugħa, liema ċirkostanzi ġew speċifikati fl-Artikolu 9 tal-Kap. 69, kif emmendat, u liema ċirkostanzi ma jirriżultawx fil-proċeduri odjerni;

V. Illi f'kull każ jispetta lil sid il-kera sabiex juri lil dan l-Onorabbli Bord illi jirriżultaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 9 tal-Kap. 69 li jiġġustifikaw it-talbiet tagħhom ta' żgumbrament tal-esponent;

VI. Illi l-esponenti huwa anzjan ta' tnejn u tmenin (82) sena u qatt ma kien inadempjenti fil-ħlas tal-kera u għalhekk, <u>f'kull każ</u>, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69 fir-rigward ta' kerrej li jeċċedi l-eta' ta' ħamsa u sittin (65) sena;

VII. Illi fit-tielet lok, il-Kap. 69 kif emendat joħloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien għat-tgawdija tal-propjeta' u l-bżonnijiet soċjali permezz tal-introduzzjoni tal-Artikolu 4A fejn sid il-kera, ossia r-rikorrenti, għandhom jitolbu li l-kera tiġi riveduta ai termini tal-istess Artikolu 4A wara li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-esponent;

VIII. Illi l-kriterji tat-test tal-mezzi li għandhom japplikaw għall-esponent huma dawk li japplikaw għal persuna li għandha aktar minn ħamsa u sebgħin (75) sena u dan skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji Test tal-Mezzi) (L.S. 16.11);

IX. Illi inoltre kwalunkwe kera li tiġi stabbilita mill-Bord għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha relatati mal-intimat inkluż il-mezzi u l-eta' tal-esponent li hu anzjan u pensjonant u għaldaqstant kwalunkwe kera li tista' tiġi stabbilita mill-Bord għandha tkun waħda li tieħu effett b'mod gradwali;

X. Illi l-esponent ma għandux jeħel l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Ra illi l-Awtorita' tad-Djar preżentat ir-risposta tagħha nhar it-22 ta' Frar tas-sena 2022 fejn sommarjament eċċepiet illi:

I. Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond.

II. Illi l-atturi ukoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjoni causa mortis tad-defunt Carmelo Zammit.

III. Illi jekk l-attur qed jgħid li il-Kap 69 ma jistax jintuża u qed jgħid li l-okkupant ma għandux titolu u mhux inkwilin allura dan il-Bord mhux kompetenti għax dan huwa Bord li jiddeciedi fuq kirjiet biss. Intant l-attur ma jistax jgħid li ma għaddx kera imma jittenta jieħu il-vantaġġ offert mill-Att XXIV tal-2021.

IV. Illi r-rikors tal-atturi għandu jiġi ddikkjarat bħala null stante il-fatt li wieħed ma jistax jiftaħ proċeduri ta' żgumbrament waqt li fl-istess ħin jitlob għal awment tal-kirja.

V. Illi il-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat ruħha fuq l-emendi riċenti li seħħew fejn qalet li l-inkwilini jistgħu jistrieħu fuq il-liġijiet kif emendati u għalhekk ma hemmx il-bżonn li jiġu żgumbrati;

VI. Illi fuq din l-ahhar premessa referenza ssir għall-kawża fl-ismijiet ***Georgina Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(deciza 01/12/2021; rik nru. 216/19/1)** fejn l-istess Qorti ikkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-à-vis l-emendi li daħlu fis-seħħ b' permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

*"Fir-rigward imbagħad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita` konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa' tibbenefika mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista' jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il ġurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b'mod effikaċi.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell tal-Awtorita` tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m'għandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija bla ħsara għall-applikabilita` tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.*

VII. Illi fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2021 bl-ismijiet ***Simon Mercieca vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita` tad-Djar; Mary Mugliett***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

*"Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] kif issa emendata.*
*Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 bl-Att XXIV ta-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma għandu ebda jedd miksub ta' żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma hemmx raġuni għala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.*
*Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bilKap. 69 għandha għalhekk titħassar.*
*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma ssentenza appellata:*

*I. tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet euro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*II. tħassarha fejn iddikjarat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 talLiġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur taljeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV ta-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."*

VIII. Illi il-kawza citata mill-atturi quddiem il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) saret fit-23 ta' Dicembru 2019 u ghalhekk qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021 u ghalhekk il-Prim Awla ma iddeciditx fuq il-kostituzzjonalita o meno tal-emendi u, jew ta' din il-ligi. Fil-fatt is-sentenza citata, anke ghaliex kemm ir-rikors promotur kif ukoll ir-risposti saru kollha qabel il-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021, ma iddecidiet xejn fuq jekk l-inkwilini jistghux jistriehu fuq

dik il-ligi partikolari. Wiehed jinnota li is-sentenza ma taghmel ebda acccenn ghall- Art gdid 4A tal-Kap 69 jew ghall-ligi il-gdida XXIV tal-2021. U ghalhekk il-fatt jekk l-Art 4A tal-Kap 69, jew l-Att XXIV 2021 imsemmija humiex lezivi tad-drittijiet ghadu ma giex deciz.

IX. Illi l-attur tant huwa konxju minn dan illi fil-kawża tiegħu huwa l—ewwel talab l—iżgumbrament, imma wara talab ukoll li jidħol fis-seħħ dak indikat fil-liġi ġdida XXIV tall-2021 biex ikun hemm żieda fil-kera wara li jsir ir-test tal-mezzi. L-attur qed jipprova jolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda. F' ċirkosatnzi u każijiet daqstant delikati bħal ma hija l-akkomodazzjoni dan ma għandux ikun permess. L-ewwel l-atttur irid jiddeċiedi jekk għandux jattakka il-liġi ġdida u jekk le għandu japplikaha kif fil-fatt qed jittenta jagħmel in subsidium. Imma ma jistax jgħid li mhijiex kostituzzjonali ghal jaf li pronunzjament li dik il-liġi hija kontra il-kostituzzjoni għad ma hemmx.

X. Illi l-Awtorita` tad-Djar ġiet notifikata f'din il-kawża bħala intervenuta fil-kawża a bazi tal-Att XXIV tal-2021 (li ghalhekk gia turi l-intenzjoni tal-atturi sabiex jitolbu ghal awment fil-kera); allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar għandha id-dritt li tipparteċipa fil-kawża u jekk taghmel dan, tagħmel hekk biss bħala intervenuta fil-kawża. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-każ ma għandiex tbati l-ispejjeż. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli għal każ in kwistjoni.

XI. Illi il-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jiġi mikri u mhux kif jista' jiġi sviluppat. Kieku ried hekk il-leġislatur kien jgħid hekk.

XII. Illi jiġi rilevat li f' każ li l-inkwilin jissoddisfa it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.

XIII. Intant qed jiġi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jidħol fuq: https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx

XIV. Illi jiġi rilevat li l-inkwilin ikun jista' jibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin irid ikun qed jabita fil-fond bħala residenza ordinarja tiegħu.

Ra illi permezz tas-sentenza preliminari erogata nhar id-19 ta' Settembru tas-sena 2022, dan il-Bord ċaħad ir-raba' eċċezzjoni imressqa mill-Awtorita' tad-Djar, filwaqt li ordna l-prosegwiment tal-kawża.

Ra illi l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Maria Roberta Mallia u l-Perit Bernice Van Dijk ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom.

Ra l-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet Anthony Zammit et vs L-Avukat Ġenerali et (Rik Kost Nru 247/2019/ISB) allegati mal-proċeduri odjerni permezz ta' Digriet datat 9 ta' Novembru 2022;

Ra d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Ra l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi l-kawża tħalliet għal-lum għal-sentenza.

Ikkunsidra;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta illi l-fond *de quo* ġie mikri lill-intimat Godwin Bugeja u ilu hekk mikri għal aktar minn erbgħa u ħamsin sena. Ir-rikorrenti jiddikjaraw fir-rikors promotur illi riżultat tal-operat

tal-liġi, il-kera fir-rigward tal-fond in kwistjoni hija fl-ammont ta' madwar €209.68 fis-sena.

Illi bis-saħħa tal-Att ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis tal-11 ta' Settembru 1996, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino,1 ir-rikorrenti Anthony Zammit, ir-Rev. Patrick Joseph Zammit, Mary Louise Zammit, Carmen Muscat, flimkien mad-defunta Vincenza Zammit, akkwistaw is-sehem ta' nofs indiviż mill-mezzanin denominat "Vira" numra tlieta u erbgħin Triq San Luqa, Gwardamangia. Sussegwentement, u wara l-mewt tal-imsemmija Vincenza Zammit, bis-saħħa tal-aħħar testment[1] tagħha tat-3 ta' Mejju 2018, fl-atti tan-Nutar Dottor Adriana Vella, ir-rikorrenti l-oħra, senjatament Noel Galea, Carmel Galea u Father Gioele Galea wirtu flimkien mar-rikorrenti l-oħra s-sehem mill-fond *de quo*, li qabel kien jappartjeni lill-imsemmija Vincenza Zammit.

Illi, b'sentenza erogata mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar it-30 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anthony Zammit et vs L-Avukat tal-Istat et**[2], dik il-Qorti sabet illi t-tiġdid tal-kirja *de quo* illeda d-drittijiet fundamentali tas-sidien u filwaqt li akkordat kumpens lis-sidien għal tali leżjoni, ddikjarat illi l-intimat Godwin Bugeja ma jistax jibqa' jibbaża l-okkupazzjoni tiegħu tal-fond 43, "Vira House" Triq San Luqa Gwardamangia, Pieta' fuq il-protezzjoni mogħtija lilu bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta illi din is-sentenza ma ġietx appellata mill-ebda parti u għalhekk għaddiet in ġudikat.

Ikkonsidra;

[1] Dok. "C" a fol. 127 tal-atti proċesswali.

[2] **Anthony Zammit et vs L-Avukat tal-Istat et**, Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 30 ta' Settembru 2021 (Rik Kost Nru 247/2019 ISB).

Illi permezz tal-ewwel talba tagħhom, ir-rikorrenti qed jitolbu li dan il-Bord jiddikjara u jiddeċiedi illi għab-bażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru: 247/2019/ISB fl-ismijiet **Anthony Zammit et vs. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja**, l-intimat Bugeja ma jistax jibqa' jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili sabiex jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond mertu dawn il-proċeduri.

Illi qabel xejn, jirriżulta illi l-*iter* tal-proċeduri Kostituzzjonali li jiffurmaw il-bażi tal-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti, huwa s-segwenti;

- Fit-23 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti Anthony Zammit et, ippreżentaw ir-rikors debitu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;

- Fid-09 ta' Jannar 2020, l-intimat Avukat tal-Istat (dak iż-żmien l-Avukat Ġenerali) sottometta r-risposta tiegħu;

- Fit-23 ta' Jannar 2020 l-intimat Godwin Bugeja ssottometta r-risposta tiegħu;

- Fit-30 ta' Novembru 2020, ingħalqu l-provi tal-partijiet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

- Fit-08 ta Ġunju 2021, wara l-iskambju tad-debiti noti ta' sottomissjonijiet, id-difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom;

- Fit-30 ta' Settembru 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili erogat is-sentenza tagħha.

- Fit-28 ta' Mejju 2021, daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021 li permezz tiegħu ġie emendat il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk is-sidien tal-fond mertu ta' lokazzjoni protetta jista' jibda jipperċepixxi kera sa massimu ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq.

Illi għalhekk, minn dan kollu jemani illi l-proċeduri u l-ġbir tal-provi seħħ **qabel** id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021. Illi filfatt, r-rikorrenti f'ebda ħin ma talab lil dik il-Qorti tippronunzja ruħha fuq il-posizzjoni tal-Kap. 69 wara l-introduzzjoni tal-emendi u għalhekk isegwi li dik il-Qorti ppronunzjat ruħha fuq il-Kap. 69 kif kien jeżisti qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

Illi filfatt, fil-konsiderazzjonijiet tagħha rigwardanti t-talba li "l-intimat ma jistax jibqa` jgawdi mill-protezzjoni li kien igawdi mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn talbu l-izgumbrament," dik il-Qorti bbażat interament fuq is-sentenza fl-ismijiet **Robert Galea vs Avukat Generali et** mogħtija fl-2020, liema sentenza iddeskriviet il-posizzjoni legali qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att XXIV. Illi għalhekk, fid-dawl tal-kuntest kollu tal-iter proċesswali, tal-provi miġjuba u tas-sentenza, hija l-fehma tal-Bord li fis-sentenza tagħha, dik il-Qorti kkonsidrat il-posizzjoni legali kif kienet qabel l-introduzzjoni tal-imsemmi Att. Illi interpretazzjoni differenti tirriskja li tmur kontra l-insenjament tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali fejn sabu li d-disposizzjonijiet tal-Atti XXIV tal-2021 m'għandhomx jinqraw ukoll bħala leżivi.[3]

[3] Ara f'dan is-sens ir-rakkolta ta' ġurisprudenza riportata fis-sentenzi ta' dan il-Bord diversament ippresjedut fl-ismijiet **Camela k/a Carmen Borg Bonaci noe vs Ronald Marmara**, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2024 (RIk Nru 522/2023) u **Raymond Vella et vs Nawal Hazzouri** deċiża fl-24 ta' Jannar 2024 (Rik. Nr 640/2022) per il-Maġistrat Dr Joseph Gatt, fejn issir referenza għal diversi

Illi għalhekk, l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti qed jiġi miċħuda.

Ikkonsidra;

Illi permezz tar-raba' talba tagħhom, ir-rikorrenti qed jitolbu t-tħaddim tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta' dan l-istess fond.

Illi skont ma jirriżulta mis-sentenza erogata nhar it-30 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet Anthony Zammit et vs L-Avukat Ġenerali et,:

- ir-rikorrenti huma kompropjetarji tal-fond 43, Vira House, Triq San Luqa, Pietà u sehem id-defunta Vinċenza Zammit iddevolva għal fuq ir-rikorrenti Anthony Zammit, Carmen Muscat, Reverendu Patrick Joseph Zammit, Noel Galea, Carmel Galea u Fr Gioele sive Joseph Galea u dan in

---

sentenzi, fosthom *Tarcisio Vella et vs l-Avukat Generali et* u C*leo Almerigo vs Mario Magri* et.

segwitu tat-testment tagħha tat-3 ta' Mejju 2018 redatt quddiem in-Nutar Dr. Adriana Vella;

- Il-fond ilu mikri għand l-intimat Bugeja għal aktar minn 54 sena;

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo* filwaqt li l-intimat huwa l-inkwilin tal-fond de quo.

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Godwin Bugeja kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Godwin Bugeja ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **jissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar mifruxa fuq żewġ sulari inkluż il-bejt. Hija mibnija

b'ħitan tal-ġebel u soqfa tal-konkos, xorok u ħadid. Il-fond jinsab fi stat finished u huwa fi stat aċċettabbli salv għal xi umdità.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip u l-kondizzjoni tal-propjetà, jistmaw il-propjetà bħala liberu u frank fis-suq miftuħ fl-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' erbat' elef ewro (€4,000) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet;

2. Jilqa' r-raba' talba u filwaqt li jastjeni mit-talba sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi stante li dan sar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, jiddikjara illi l-kera tal-fond 43, "Vira", Triq San Luqa, Gwardamangia, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Godwin Bugeja għal-ammont ta' erbat' elef ewro (€4,000) fis-sena u jordna lill-istess intimat jibda jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**